2.8. Ċertifikat tal-kondotta nadifa maħruġ riċentement mill-Pulizija ta' Malta.

Applikanti (i) b'esperjenza ta' futbol internazzjonali ta' mill-inqas sena fil-livell tat-tim nazzjonali u/jew (ii) bi kwalifika akkreditata postsekondarja jew terzjarja fl-isport jew f'oqsma relatati mal-isports jingħataw preferenza.

Tiġi kkunsidrata esperjenza preċedenti fl-għoti tal-programm 'Bil-Qari u bil-Kitba Niskorja' jew programmi sportivi/edukattivi oħra.

F'każ li ma jkunx hemm applikanti li jissodisfaw il-kriterji kollha, jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet minn kandidati li ma jissodisfawx xi waħda minn dawn il-kriterji: 2.2, 2.3, 2.4, jew 2.5.

**Applikazzjonijiet**

Il-kandidati għandhom jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenza f'format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bil-posta rreġistrata jew bl-idejn lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 19 ta' Lulju 2023, f'nofsinhar.

Deskrizzjoni aktar dettaljata tax-xogħol tista' tinkiseb minn (https://educationservices.gov.mt/nla). F'każ ta' mistoqsijiet, wieħed għandu jibgħat ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew ċempel bin-numru 2598 3325.

Is-7 ta' Lulju, 2023

FORZI ARMATI TA' MALTA

**Sejħa għall-ingaġġ ta' Uffiċjali Kadetti fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari)**

1. Il-Forzi Armati ta' Malta tistieden applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta':

a) Uffiċjali Kadetti;
b) Uffiċjali Kadetti biex iservu fuq il-baħar;
c) Uffiċjali Kadetti Piloti tal-Ajru,

għall-ingaġġ inizjali ta' tnax-il xahar, fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

2. L-applikanti:

għandhom ikunu ċittadini Maltin;

għandhom ikunu medikament b'saħħithom biex jaqdu d-dmirijiet skont il-livell tal-Forza Regolari. Dan jinkludi li

2.8 Hold a clean valid police conduct certificate.

Applicants (i) with international experience of at least one year at national team level and/or (ii) with accredited post-secondary or tertiary qualification in sports or sports related fields will be given preference.

Prior experience delivering the 'Footballers' Read and Write Programme' or other sports/educational programmes will be taken into consideration.

In the absence of applicants who satisfy all the criteria, applications will be considered from candidates who do not meet one of the following criteria: 2.2, 2.3, 2.4, or 2.5.

**Applications**

Candidates should submit their expression of interest, together with a summary of qualifications and experience in a Europass Curriculum Vitae format and a copy of their relevant scanned certificates by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post or by hand to the National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Wednesday, 19th July, 2023, at noon.

A more detailed job description can be obtained from (https://educationservices.gov.mt/nla). In case of queries, one is to send an email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or call 2598 3325.

7th July, 2023

ARMED FORCES OF MALTA

**Call for enlistment of Officer Cadets in the Armed Forces of Malta (Regular Force)**

1. The Armed Forces of Malta invites applications for the enlistment of:

a) Officer Cadets;
b) Sea-going Officer Cadets;
c) Air Pilot Officer Cadets,

on an initial twelve month engagement in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

2. Applicants must:

be citizens of Malta;

be medically fit for duty to Regular Force Standards. This includes a minimum height requirement of 1.57m for males

ma jkunux iqsar minn 1.57m fil-każ tal-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa u ta' piż aċċettabbli paragunat mat-tul;

għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb;

għandhom ikunu għalqu t-18-il sena sal-31 ta' Diċembru, 2023, u ma jkunux għalqu t-30 sena sat-30 ta' April, 2024;

ma jkollhomx tattoos eċċessivi, imma żgur mhux fuq il-wiċċ u l-għonq u l-wiċċ tal-id jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indiċenti jew razzisti fuq partijiet oħra tal-ġisem.

3. L-applikanti għandhom:

Jekk japplikaw għall-kariga ta' Uffiċjali Kadetti, ikunu għaddew fi:

sitt suġġetti f'Livell Ordinarju tas-SEC/International General Certificate of Secondary Education (l-inqas Grad 5 tas-SEC jew Grad 4/C jew aħjar tal-Edexcel (London)). Dawn is-sitt suġġetti jridu jinkludu l-lingwa Maltija, il-lingwa Ingliża, il-Matematika, u suġġett ieħor tax-Xjenza (il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija jew l-Istudji tal-Kompjuter/Teknoloġija tal-Informatika);

ikunu għaddew f'żewġ suġġetti f'Livell Avvanzat fil-Matrikola/International General Certificate of Education (l-inqas Grad D jew aħjar) jew Diploma MQF fil-Livell 4 (b'minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET);

jew

ikunu għaddew fi:

il-lingwa Maltija, il-lingwa Ingliża, il-Matematika u suġġett tax-xjenza (il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija jew l-Istudji tal-Kompjuter/Teknoloġija tal-Informatika) fil-Livell Ordinarju tas-SEC/International General Certificate of Secondary Education (l-inqas Grad 5 tas-SEC jew Grad 4/C jew aħjar tal-Edexcel (London) jew ikollhom kwalifika sħiħa ta' Livell 4 tal-MQF (b'minimu ta' 120 krettiu ECTS/ECVET) fejn dawn is-suġġetti huma indikati fit-transkritt;

kif ukoll Diploma MQF fil-Livell 4 tal-MQF (b'minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET), jew kwalifika sħiħa ta' livell ogħla.

Jekk japplikaw għall-kariga ta' Uffiċjali Kadetti biex iservu fuq il-baħar, ikollhom ir-rekwiżiti msemmija f'para. 3(a) kif ukoll ikunu temmew b'suċċess kors li jiċċertifika lill-individwu bħala Uffiċjal Inkarigat fin-Navigational Watch jew kors li jiċċertifika lill-individwu bħala Uffiċjal Inkarigat fl-Engineering Watch maħruġ mill-Istitut Marittimu tal-MCAST;

and 1.52m for females and of acceptable body weight in proportion to height;

be of good moral character;

be 18 years of age by 31st December, 2023, and not having attained the age of 30 by 30th April, 2024;

not sport excessive tattoos, but definitely not on face and neck and face of the hand, or tattoos that are offensive, extremist, indecent, or racist on any part of the body.

3. Applicants must:

If applying for the posts of Officer Cadets, be in possession of passes in:

six subjects at Ordinary Level of the SEC/ International General Certificate of Secondary Education (minimum Grade 5 in the case of SEC and Grade 4/C or better in the case of Edexcel (London) examinations). Subjects must include Maltese language, English language, Mathematics and one other science subject (Physics, Chemistry, Biology or Computer Studies/Information Technology);

two subjects at Advanced Level in the Matriculation/International General Certificate of Education (minimum Grade D or better) or Diploma at MQF Level 4 (with a minimum of 120 ECTS/ECVET credits);

or

be in possession of passes in:

Maltese, English, Mathematics and a science subject (Physics, Chemistry, Biology and Computer Studies/Information Technology) at Ordinary Level of the SEC/International General Certificate of Secondary Education (minimum Grade 5 in the case of SEC and Grade 4/C or better in the case of Edexcel (London) examinations) or be in possession of a full MQF Level 4 qualification (with a minimum of 120 ECTS/ECVET credits) where these subjects are indicated in the transcript;

and an additional Diploma at MQF Level 4 with a (minimum of 120 ECTS/ECVET credits) or a full qualification at a higher level.

If applying for the posts of Sea-going Officer Cadets, be in possession of requirements stated in para. 3(a) and have successfully completed the course leading to Certification as an Officer-in-Charge of a Navigational Watch or the course leading to Certification as an Officer-in-Charge of an Engineering Watch at the MCAST Maritime Institute;

Jekk japplikaw għall-kariga ta' Uffiċjali Kadetti Piloti tal-Ajru, ikollhom ir-rekwiżiti msemmija f'para. 3(a) kif ukoll Commercial Pilot Licence.

Il-kwalifiki tal-ECDL mhumiex aċċettati bħala parti mir-rekwiżiti bażiċi.

L-applikanti li jkunu qed jistennew il-pubblikazzjoni ta' riżultati ta' xi kwalifika msemmija hawn fuq xorta jistgħu japplikaw proviżorjament iżda jkunu meħtieġa jippreżentaw iċ-ċertifikati neċessarji sad-data tal-intervista.

4. Il-proċess ta' selezzjoni se jikkonsisti fi:

Parti I – Test ta' Effiċjenza Fiżika
Parti II – Psychometric Test
Parti III – Test Militari
Parti IV – Intervista
Parti V – Eżami Mediku

L-applikanti jingħataw informazzjoni dwar kif se jseħħ il-Proċess ta' Selezzjoni aktar 'il quddiem.

Ir-riżultati jkunu ppubblikati fis-sit uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta jew mibgħuta permezz ta' ittra elettronika.

Applikanti li f'xi ħin jinstabu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mniżżlin f'paragrafu 2 ma jitħallewx ikomplu l-Proċess tal-Għażla jew jiġu mħassra r-riżultati tagħhom.

Parti I – Eżami ta' Effiċjenza Fiżika

5. L-applikanti jkunu iċċekkjati għat-tul sabiex jiġi żgurat li jilħqu l-ħtiġiet stipulati f'para. 2 ta' din is-sejħa.

6. Il-livell minimu li jrid jintlaħaq f'kull wieħed mit-tliet testijiet ta' effiċjenza fiżika hu kif jidher hawn taħt:

1 mile run – mhux aktar minn 8 minuti u 30 sekonda fil-każ tal-irġiel u 10 minuti u 18-il sekonda fil-każ tan-nisa,

Push-ups – mhux anqas minn 30 darba fil-każ tal-irġiel u 11-il darba fil-każ tan-nisa f'ħin ta' mhux iktar minn 2 minuti,

Sit-ups – mhux anqas minn 37 darba fil-każ tal-irġiel u 35 darba fil-każ tan-nisa f'ħin ta' mhux iktar minn 2 minuti.

Parti I – Eżami ta' Effiċjenza Fiżika (Punti: Massimu 50, Minimu 25);

7. L-applikanti jridu mill-anqas jilħqu l-istandard minimu f'kull test fiżiku biex jitqiesu li kisbu pass fl-Eżami tal-Effiċjenza Fiżika, iżda l-applikanti li ma jgħaddux minn wieħed mit-testijiet fiżiċi, jew il-1 mile run jew il-push ups jew is-sit ups, ikunu jistgħu jerġgħu jagħmlu re-test ta' dak

If applying for the posts of Air Pilot Officer Cadets, be in possession of requirements stated in para. 3(a) and be in possession of a Commercial Pilot Licence.

ECDL Qualifications are not accepted as part of the basic requirements.

Applicants who are waiting for the publication of results of any of the qualifications indicated above may still apply provisionally but will have to present their required certificates by the date of the interview.

4. The selection process shall consist of:

Part I – Fitness Efficiency Test
Part II – Psychometric Test
Part III – Military Test
Part IV – Interview
Part V – Medical examination

Applicants shall be provided with relevant information on the conduct of the Selection Process in due course.

Results shall be published on the Armed Forces of Malta Official Website or sent via email.

Applicants who at any time are found not to fulfill the requirements laid out in paragraph 2 shall not be allowed to proceed with the Selection Process or shall have their results annulled.

Part I – Fitness Efficiency Test

5. Applicants will be checked for height to ensure that they meet the requirements stipulated in para. 2 of this call.

6. The minimum standards to be reached in each of the fitness tests are as follows:

1 mile run – not more than 8 minutes 30 seconds for males and 10 minutes 18 seconds for females,

Push-ups – not less than 30 repetitions for males and 11 repetitions for females in a timed period of 2 minutes,

Sit-ups – not less than 37 repetitions for males and 35 repetitions for females in a timed period of 2 minutes.

Part I – Physical Efficiency Test (Points: Maximum 50, Minimum 25);

7. Applicants must at least attain the minimum standard in each physical test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test, but applicants who fail in one feat only, i.e – either the 1-mile run or the push-ups or the sit-ups, will be allowed to re-test that one particular event, ten

it-test wieħed partikolari, fi żmien għaxart (10) ijiem wara li jkun sar l-ewwel test, iżda xorta ma jkunux intitolati għal iżjed mill-marka minima ta' 25, irrispettivament mill-marki miksubin fit-testijiet l-oħra.

Parti II – Psychometric Test

8. L-applikanti jkollhom joqogħdu għall-psychometric test sabiex tkun assessjata l-adegwatezza tagħhom biex iservu bħala Fizzjal bil-Kummissjoni fil-Forzi Armati ta' Malta. Iktar informazzjoni fuq is-psychometric test tingħata fuq talba ufficjali mill-applikanti.

Parti III – Test Militari

9. Din il-parti tal-Proċess ta' Selezzjoni għandha tagħti lill-applikanti indikazzjoni tat-taħriġ tal-armata biex tgħinhom jiddeċiedu jekk humiex tajbin għall-ħajja u d-dixxiplina militari. L-applikanti jkunu meħtieġa jattendu numru ta' eżerċizzji militari ta' team building.

L-applikanti li, għal xi raġuni, ma jtemmux b'suċċess din il-parti għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess tal-Għażla. L-applikanti li juru, lejn il-persunal jew applikanti oħra, kwalunkwe forma ta' mġiba li tikkostitwixxi reat militari minħabba li meqjusa għad-detriment tal-bon ordni u d-dixxiplina militari għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess tal-Għażla.

Parti IV – Intervista

10. L-applikanti jiġu assessjati mill-Bord tal-Għażla biex jiġi żgurat li huma adegwati sabiex iservu bħala Fizzjal bil-kummissjoni fil-Forzi Armati ta' Malta. Il-marki jingħataw kif ġej:

Marka Massima

Kwalifiki Akkademiċi 80
Intervista (min. 75) 150
Lecturette (min.35) 70
Massimu: 300

Il-kanditati huma meħtieġa biex jagħtu lecturette ta' ħames (5) minuti dwar suġġett tal-għażla tagħhom. Waqt il-lecturette, l-applikanti jistgħu jużaw mezzi bħal Power Point biex tgħinhom jagħtu l-lecturette. L-applikanti jridu jiksbu l-istandard minimu fl-intervista u fil-lecturette sabiex jitqiesu li għaddew minn din il-parti tas-selezzjoni.

Parti V – Eżami Mediku

11. L-applikanti jiġu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma b'saħħithom għall-impjieg skont l-istandards tal-Forzi Regolari. Iktar informazzjoni fuq l-istandards tal-Forzi Regolari tingħata fuq talba uffiċjali mill-applikanti.

(10) days following the first complete test, but if successful in such re-test, will only be entitled to the minimum pass mark of 25, regardless of the scores obtained in the other feats.

Part II – Psychometric Test

8. Applicants will be required to sit for a psychometric test to assess the candidate's suitability to serve as a Commissioned Officer in the Armed Forces of Malta. Further information on the Psychometric Test would be made available upon formal request by applicants.

Part III – Military Test

9. This part of the Selection Process shall give applicants an indication of army training to help them determine if they are suitable for military life and discipline. Applicants shall be required to attend a number of military team building exercises.

Applicants who fail, for any reason, to complete this part shall be deemed to have failed the Selection Process. Applicants who display, towards directing staff or other applicants, any form of behaviour which would constitute a military offence due to it being considered detrimental to good order and military discipline, shall be deemed to have failed the Selection Process.

Part IV – Interview

10. Applicants will be assessed by a Selection Board to assess their suitability to serve as a Commissioned Officer in the Armed Forces of Malta. Marks will be allocated as follows:

Maximum Mark

Academic Qualifications 80
Interview (min. 75) 150
Lecturette (min. 35) 70
Maximum: 300

Applicants shall be required to deliver a five (5) minute long lecturette on a subject of their choice. During the lecturette, applicants may use their choice of lecture aids, such as Power Point presentation. Applicants must attain the minimum standard in both the Interview and the Lecturette to be considered as having gained an overall pass in this phase of the selection process.

Part V – Medical examination

11. Applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to Regular Force Standards. Further information on the Regular Force Standards would be made available upon formal request

Applikanti għall-kariga ta' Uffiċjal Kadett Pilota jkollhom jissodisfaw ukoll il-livelli mediċi rekwiżiti tal-avjazzjoni kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Fil-każijiet kollha, l-assessjar tal-Uffiċjali Mediċi tal-FAM dwar jekk kull applikant huwa medikament b'saħħtu biex iservi fil-Forzi Armati ta' Malta jkun finali u konklussiv.

L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Uffiċjali Mediċi tal-FAM biex f'kull ħin sakemm ikunu għadhom fis-servizz, dawn jkunu jistgħu jitolbu dokumenti mediċi personali minn kwalunkwe sptar tal-Gvern jew privat. Kwalunkwe irregolarità u/jew diskrepanza tista' tiġi rreferita mill-imsemmijin Uffiċjali Mediċi lill-Uffiċjali tal-Forzi Armati kif xieraq

12. L-Ordni tal-Mertu, għal dawk l-applikanti li għaddew mill-partijiet kollha tal-Proċess ta' Selezzjoni, jiġi stabbilit skont it-total ta' marki miksuba fl-Parti I (Eżami ta' Effiċjenza Fiżika) u t-Parti III (Intervista).

13. Applikanti li, għal kwalunkwe raġuni, jonqsu milli jattendu jew itemmu xi parti mill-Proċess tal-Għażla jiġu kkunsidrati li rtiraw l-applikazzjoni tagħhom.

14. Ir-riżultat tal-Proċess tal-Għażla jibqa' validu għal sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni uffiċjali tiegħu fuq is-sit uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta.

Karattru morali

15. L-applikanti għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb. L-applikanti jagħtu, fl-applikazjoni, il-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta u aġenziji rilevanti oħra biex jipprovdu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-Forzi Armati ta' Malta u jħallsu l-pagament dovut (€5.50), sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti mill-Pulizija lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika. L-applikanti għandhom jehmżu l-irċevuta maħruġa mill-FAM meta jkunu applikaw għar-reġistru tal-kundanni mal-applikazjoni u jiktbu n-numru tal-irċevuta fl-applikazjoni. Applikazjonijiet mingħjar dan li ġie mitlub ma jiġux ikkunsidrati validi. Ċertifikati tal-kondotta mhux aċċettati.

Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM. Il-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' applikant li jkun għadda mill-Proċess tal-Għażla, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali mhux aċċettabli, jew inkella jkun tkeċċa mill-Forzi Armati, jew minn xi Korp dixxiplinat ieħor.

Applikazzjoni

16. L-applikanti għandhom japplikaw permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Ministeru għall-Edukazzjoni,

by applicants. Applicants applying for the posts of Air Pilot Officer Cadets will, in addition, be required to also satisfy both national and international medical aviation standards. In all cases, the AFM Medical Officers' assessment of each applicant's medical fitness to serve in the Armed Forces of Malta will be final and conclusive.

Applicants give their consent to the AFM Medical Officers to retrieve, at any point in time until they have been officially discharged from the service, personal medical records from any Government and Private hospital. Any irregularity and/or discrepancy can be transmitted, by the said Medical Officers, to the appropriate Officers in the Armed Forces of Malta.

12. The Order of Merit, for those applicants who are successful in all parts of the Selection Process, will be established according to the total marks obtained in Part I (Physical Efficiency Test) and Part III (Interview).

13. Applicants who, for any reason, fail to attend or complete any part of the Selection Process will be considered to have withdrawn their application.

14. The result of the Selection Process will be valid for a period of six months from the date of its official publication on the Official Website of the Armed Forces of Malta.

Moral character

15. Applicants shall be of good moral character. Applicants shall, in the application form, give their consent to the Malta Police and other relevant agencies to provide the AFM with their criminal records.

Applicants are to apply at the Headquarters of the Armed Forces of Malta and pay the applicable fee (€5.50) so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available by the Police to the AFM for vetting purposes. Applicants are to attach the receipt issued by the AFM upon application for the record of criminal conviction to the application form and include the receipt number in the application form. Applications submitted without this requirement shall not be deemed valid. Conduct certificates are not accepted.

Applicants shall be vetted in accordance with AFM policies. The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful applicant who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined Force.

Application

16. Candidates are to apply through the Recruitment Portal of the Ministry for Education Ministry for Education, Sport,

l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt) mill-Ġimgħa, 7 ta' Lulju sal-Ġimgħa, 21 ta' Lulju, 2023.

17. Mal-applikazzjoni l-applikanti għandhom jippreżentaw:

ritratt tad-daqs tal-passaport bil-kulur;

kopji skennjati b'mod ċar tal-paġni kollha taċ-ċertifikati u traskritti mitluba u dikjarazzjoni tal-MQF Level fejn applikabbli;

Service and Leave Record Form – GP47 (applikanti mis-Servizz Pubbliku Malti);

irċevuta (datata wara l-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa) maħruġa mill-FAM għal ħruġ tar-reġistru tal-kundanni Fedina Penali. (Ċertifikati tal-kondotta mhux aċċettati);

dritt ta' ħlas ta' €9.30, ħlas isir biss permezz ta' ċekk.

18. Id-dokumenti oriġinali, id-dokumenti ta' identifikazzjoni, iċ-ċertifikati u/jew ittri ta' rakkomandazzjoni għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew għall-verifika mal-applikazzjoni kif ukoll waqt l-intervista.

Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom ċertifikati maħruġa minn entitajiet edukativi li mhumiex 'self-accrediting', li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent MQF dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC), fi ħdan l-Awtorità ta' Malta tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA), liema talba għandha tiġi sottomessa online fis-sit (https://mfhea.mt/academic-qualifications/) Tali dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

Tista' ma tiġix ippreżentata d-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-MQRIC fir-rigward ta' kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet Maltin self-accrediting bħall-Università ta' Malta, l-MCAST u l-ITS; jew xi kwalifika Maltija li ġiet akkreditata mill-MFHEA.

Qabel ma jintalbu d-dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom, l-applikanti għandhom l-ewwel jikkonsultaw mal-List of Licensed Providers and Accredited Programmes tal-MFHEA li tista' tiġi aċċessata minn (https://mfhea.mt/list-of-licensed-providers-and-accredited-programmes/). L-applikanti huma eżentati milli jissottomettu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent jekk huma jippreżentaw il-kwalifiki elenkati fil-lista. Kopja stampata tat-tali lista li tinkludi l-kwalifika għandha tiġi ppreżentata mill-applikant.

L-applikanti li ma jkollhomx tali dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw xorta, iżda jridu jibagħtu kopja tad-

Youth, Research, and Innovation (https://edurecruitment.gov.mt) from Friday, 7th July till Friday, 21st July, 2023.

17. With the application form applicants must produce:

a colour passport-sized photograph;

clear scanned copies of all pages of the requested certificates and transcripts including MQF Level statement where applicable;

Service and Leave Record Form – GP47 (applicants from the Malta Public Service);

receipt (dated after the publication of this call) issued by the AFM on application for issue of criminal record Fedina Penali (Conduct certificates are not accepted);

a fee of €9.30, payment is accepted only by means of cheque.

18. Original documents, identification documents, certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification when submitting the application form and during the interview.

It is the responsibility of the applicants in possession of qualifications awarded by educational institutions which are not 'self-accrediting providers', to produce an MQF recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), which is to be obtained by submitting an online application at (https://mfhea.mt/academic-qualifications/) Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

No recognition statement by MQRIC is required in respect of qualifications issued by Maltese self-accrediting institutions, which include the University of Malta, MCAST, and ITS; or any Maltese qualification that has been accredited by the MFHEA

Prior to requesting recognition statements in respect of their qualifications, applicants should first consult the List of Licensed Providers and Accredited Programmes of the MFHEA which can be accessed from (https://mfhea.mt/list-of-licensed-providers-and-accredited-programmes/). Applicants are exempt from submitting a recognition statement if they are presenting qualifications listed therein. A print of such list including the qualification is to be presented by the applicant.

Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided they submit a copy of the statement

dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat li qed jilqa’ l-applikazzjonijiet malli din tkun disponibbli u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mid-data tal-intervista. L-applikanti jistgħu jiġu assessjati b’mod proviżorju waqt li għadhom qed jistennew l-ekwivalenza tal-MQRIC għall-kwalifika/i tagħhom. Jekk ir-rapport tal-ekwivalenza jkun fin-negattiv jew ma jiġix ippreżentat sal-ġurnata tal-intervista, dawn l-applikanti jiġu skwalifikati mill-Proċess ta’ Għażla.

19. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

20. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali u l-FAM ikollhom is-setgħa, fil-partijiet rispettivi tagħhom, li jittrattaw sommarjament ma’ kull applikant li, waqt li jkun qiegħed isir il-proċess tal-għażla, jinstab ħati ta’ mġiba ħażina jew xi ksur ieħor tar-Regolamenti maħruġa biex jiggwidaw lill-applikanti.

21. Il-FAM iżommu d-dritt li jħassru l-proċess tal-għażla jekk tinstab irregolarità dwar dan il-proċess. Tħassir bħal dan jista’ jkun dwar l-eżami kollu wkoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar parti waħda biss jew stadju partikolari tal-Proċess ta’ Selezzjoni.

Ingaġġ

22. L-applikanti li jgħaddu jiġu ingaġġati bħala Uffiċjali Kadetti għal perjodu inizjali ta’ taħriġ ta’ tnax-il xahar u mħallsa Salarju ta’ Skala 11 (€21,630.00). It-taħriġ militari ma jistax ikun interrott għall-ebda raguni. Dawk li jkunu ingaġġati jistgħu jkunu meħtieġa jagħmlu perjodu ta’ taħriġ barra minn Malta. Dawk li ma jilħqux il-livell neċessarju matul il-perjodu ta’ taħriġ jistgħu jitkeċċew.

Mal-ingaġġ, il-kadetti jkun jeħtiġilhom jgħaddu mill-proċess ta’ Security Clearance sabiex jiksbu National Security Clearance Certificate fil-livell meħtieġ. L-applikanti li ma jgħaddux minn dan il-proċess jiġu maħlula mis-Servizz.

23. Il-kadetti li jispiċċaw dan il-perjodu ta’ taħriġ b’suċċess, fi tmiem l-ingaġġ ta’ tnax-il xahar, jingħataw kummissjoni fir-rank ta’ Second Lieutenant (Skala 8, €26,048.25, b’żidiet annwali ta’ €486.83) għal perjodu ta’ tmintax-il xahar. Wara li jiskadi dan il-perjodu u suġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti l-Fizzjali bil-Kummissjoni jiġu promossi għar-rank ta’ Logutenent (Skala 7, €27,697.53 b’żidiet annwali ta’ €531.17). Il-kummissjoni fir-rank ta’ Second Lieutenant u wara fir-rank ta’ Logutenent, tista’ tkun marbuta mat-tkomplija b’suċċess ta’ kors twil barra minn Malta.

24. Fizzjali bil-Kummissjoni jkunu marbuta li jservu fil-Forza Regolari għal perjodu ta’ mhux anqas minn tliet snin mid-data ta’ meta jingħataw il-kummissjoni. Wieħed għandu jinnota wkoll li, skont ir-Regolamenti preżenti tal-

to the receiving department/directorate as soon as it is available, and, in any case, by not later than the date of the interview. Applicants may be assessed provisionally whilst still awaiting MQRIC equivalence of their qualification/s. Should the equivalence report be in the negative or not presented by not later than the date of the interview, such applicants will be disqualified from the Selection Process.

19. Late applications will not be considered.

20. The Board of Local Public Examinations and the AFM shall, in their respective parts, have the power to deal summarily with any applicant who, while the selection process is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of applicants.

21. The AFM reserves the right to annul the selection process if any irregularity is detected in connection herewith. Such annulment may be in respect of the whole selection process even if the detected irregularity is in respect of only one area or a particular stage of the selection process.

Enlistment

22. Successful applicants will be enlisted as Officer Cadets for an initial twelve-month training period and be paid in Salary Scale 11 (€21,630.00). Military training cannot be interrupted for any reason; cadets who interrupt their military training may be discharged from the force. Those enlisted may be required to undergo a long period of training abroad. Failure to meet the required standards at any point during the training period may lead to discharge.

On enlistment, cadets will be required to undergo a Security Clearance process to obtain a National Security Clearance Certificate at the required level. Applicants failing this process will be dismissed from the Force.

23. On successful completion of their twelve-month training period, cadets will be commissioned in the rank of Second Lieutenant (Scale 8, €26,048.25 rising by annual increments of €486.83) for a period of eighteen months. On the expiry of this period and subject to satisfactory performance, the Commissioned Officers will then be promoted to the rank of Lieutenant (Scale 7, €27,697.53 rising by annual increments of €531.17). The commission in the rank of Second Lieutenant and subsequent promotion to the rank of Lieutenant may be tied to the successful completion of a long courses abroad.

24. Commissioned Officers will be bound to serve in the Regular Force for a minimum period of three years from the date of their commission. It should also be noted that, in terms of current Armed Forces of Malta Regulations,

Forzi Armati ta' Malta, uffiċjali u suldati li jattendu kors ta' taħrig barra minn Malta jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu perjodu ta' servizz mandatorju, wara li jkunu temmew it-taħriġ tagħhom.

25. Uffiċjali Kadetti u Uffiċjali li għal xi raġuni jonqsu li jtemmu xi wieħed mill-perjodi ta' servizz mandatorju msemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' hawn fuq, jistgħu jkunu mġiegħla jirrifondu lill-Gvern ta' Malta l-ispejjeż kollha li jkun ħallas il-Gvern, kemm fit-taħriġ bażiku fl-ewwel sena kif ukoll għal taħriġ barra minn Malta, fuq bażi prorata.

27. Aktar informazzjoni fuq il-FAM tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-FAM (https://afm.gov.mt/).

Is-7 ta' Lulju, 2023

officers and soldiers who undertake overseas training may be required to serve for a period of mandatory service, following the completion of their training.

25. Officer Cadets and Officers who fail to complete any of the mandatory periods of service referred to in the previous paragraphs may be required to refund to the Government of Malta all the expenses incurred by the Government both during the first year of basic training and during overseas training, on a pro-rata basis.

27. Further information on the AFM can be found on the AFM website (https://afm.gov.mt/).

7th July, 2023

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Sejħa għall-ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari)**

*Suldat Regolari, Suldat Regolari b'tagħlim tekniku u Suldat Regolari bi sfond mużikali*

1. Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet jistieden applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' suldati sabiex iservu fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

2.1 L-applikanti:

a. għandhom ikunu ċittadini Maltin;

b. għandhom ikunu għalqu t-tmintax-il (18) sena sal-31 ta' Diċembru 2023 u ma jkunux għalqu t-tletin (30) sena sat-30 ta' April 2024;

c. għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb;

d. għandhom ikunu twal tal-anqas 1.57m fil-każ tal-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa u ta' piż aċċettabbli pparagunat mat-tul;

e. m'għandux ikollhom tattoos eċċessivi, u żgur mhux fuq il-wiċċ u l-għonq u l-wiċċ tal-id jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indeċenti jew razzisti fuq kull parti tal-ġisem;

f. (i) ikollhom ċertifikati fil-lingwa Maltija, il-lingwa Ingliża u l-Matematika f'Livell 2 tal-MQF (b'minimu ta' Grad E jew 3 fil-każ ta' eżamijiet ta' Edexcel (London) jew Grad 7 fil-każ ta' eżamijiet taċ-ĊES (SEC), jew livell komparabbli);

EXAMINATIONS DEPARTMENT

**Call for the enlistment of Soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force)**

*Regular Soldier, Regular Soldier with technical background and Regular Soldier with a musician background*

1. The Registrar of Examinations invites applications for the enlistment of soldiers to serve in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

Eligibility Requirements

2.1 Applicants must:

a. be Maltese citizens;

b. be eighteen (18) years of age by 31 December 2023 but have not reached the age of thirty (30) by 30 April 2024;

c. be of good moral character;

d. be not less than the minimum height required, i.e. 1.57m for males and 1.52m for females and of acceptable body weight in proportion to height;

e. not have excessive tattoos, and definitely not on face, neck and face of the hand, or tattoos that are offensive, extremist, indecent, or racist on any part of the body;

f. (i) be in possession of a pass in the Maltese language, English language and Mathematics at MQF Level 2 (at least at Grade E or 3 in the case of Edexcel (London) examinations or Grade 7 in the case of SEC examinations, or a comparable level);